**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEO TAŻ-ŻGHAR 2003**
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IT-TIELET SENA** **RELIĠJON** **ĦIN: Siegħa u Nofs**

**ISEM** ______________________ **KLASSI** ______________

## Taqsima A

**Wieġeb il-mistoqsijiet.**

1. Liema Kmandament jikser min jidgħi? ______________________
______________________ (marka)

2. X 'għandha tkun l-iżjed ħaġa kbira u importanti li qatt nistgħu nixtiequ bħala nsara?
______________________ (marka)

3. a. Kif għandna neżaminaw lilna nfusna biex nagħrfu x'inhu tajjeb jew ħażin?
______________________ (marka)

   b. Lil min għandna nitolbu biex jgħinna nagħrfu l-valuri veri f'għemilna?
______________________ (marka)

   ċ. Fejn nistgħu mmorru biex nieħdu pariri ħalli niffurmaw il-kuxjenza tagħna bħala nsara?
______________________ (marka)

4. Xi kwalitajiet sbieħ naraw fil-ħbiberija bejn Ġonatan u David?
______________________ (2 marki)

5. X'tista' tagħmel biex tegħleb it-tentazzjoni?
______________________ (2 marki)

6. Semmi t-tliet tentazzjonijiet li kellu Ġesù fid-deżert.
______________________
______________________
______________________ (3 marki)

7. Ikteb vers mit-talba ta' San Franġisk u fissru.
______________________
______________________ (4 marki)

8. Imla l-vojt.
L-ewwel ____________ kmandamenti juruna kif għandna nirrispettaw lil____________.
Is- ______________ l-oħra juruna kif għandna nirrispettaw lil _____________. (4 marki)

**(20 marka)**

## Taqsima B

**Aqra din is-silta li ġejja u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.**

Sitt ijiem wara, Ġesù ħa miegħu lil Pietru u lil Ġwanni, tellagħhom weħidhom fuq muntanja għolja, u tbiddel quddiemhom. Ilbiesu sar abjad u jgħammex b'dija ta' l-għaġeb: ebda ħassiel fid-dinja ma jista' jġib il-ħwejjeġ bojod daqshekk.

U dehrilhom Elija ma' Mosè, jitkellmu ma' Ġesù. Qabad Pietru u qal lil Ġesù: "Mgħallem, kemm hu sew li aħna hawn! Ħa ntellgħu tliet tined, waħda għalik, waħda għal Mosè u waħda għal Elija." Dan qalu għax ma kienx jaf x'jaqbad jgħid bil-biża' kbir li waqa' fuqhom.

Imbagħad ġiet sħaba u għattiethom, u minn ġos-sħaba nstema' leħen jgħid: "Dan hu Ibni l-għażiż, isimgħu lilu."

Minnufih taw ħarsa madwarhom, u ma raw lil ħadd iżjed magħhom ħlief lil Ġesù waħdu.

1. Min deher jitkellem ma' Ġesù?

________________________________________

________________________________________

2. X'taħseb li jfissru dawn il-persunaġġi kbar tat-Testment il-Qadim?

________________________________________

________________________________________

3. Ta' min hu l-leħen li jinstema' ġej mis-sħaba?

________________________________________

________________________________________

4. Dan il-leħen x'jgħidilna importanti dwar Ġesù?

________________________________________

________________________________________

5. Jekk nagħtu tassew kas ta' dan il-leħen, x'għandha tkun it-tweġiba tagħna quddiem il-persuna ta' Ġesù?

________________________________________

________________________________________

**(20 marka)**

## Taqsima Ċ

Fisser dawn is-sentenzi mill-Bibbja. Ikteb **4 linji** fuq kull waħda.

1. "Itolbu li ma tidħlux fit-tiġrib."

   ______________________________________________
   ______________________________________________
   ______________________________________________
   ______________________________________________

2. "Jekk idek jew sieqek hija għalik okkażjoni tad-dnub, aqtagħha barra u armiha 'l bogħod minnek."

   ______________________________________________
   ______________________________________________
   ______________________________________________
   ______________________________________________

3. "Minn dan jagħraf kulħadd li intom dixxipli tiegħi, jiġifieri minn kemm tħobbu lil xulxin."

   ______________________________________________
   ______________________________________________
   ______________________________________________
   ______________________________________________

4. "Ma nsejħilkomx aktar qaddejja, għax il-qaddej ma jafx x'jagħmel sidu. Sejjaħtilkom ħbieb."

   ______________________________________________
   ______________________________________________
   ______________________________________________
   ______________________________________________

5. "U Alla ħalaq il-bniedem fuq ix-xbieha tiegħu, fuq xbihetu Alla ħalqu, raġel u mara ħalaqhom."

   ______________________________________________
   ______________________________________________
   ______________________________________________
   ______________________________________________

**(20 marka)**

## Taqsima D

**Agħżel <u>żewġ</u> suġġetti minn 1, 2, u 3 hawn taħt u ikteb madwar mitt kelma fuq <u>kull wieħed</u> minnhom fuq karta separata.**

**1. L-imħabba ta' Ġesù kienet imħabba li tiġbor lil kulħadd.**

a) Irrakkonta ġrajja fejn Ġesù għen u fejjaq lil xi marid.

b) X'inhuma d-dmirijiet tiegħek bħala nisrani lejn il-morda.

**(20 marka)**

**2. Mill-Evanġelju jidher ċar li Ġesù bena ħbiberija sinċiera u qawwija ma' l-Appostli Tiegħu.**

a) Semmi **<u>żewġ ġrajjiet</u>** mill-ħajja ta' Ġesù fejn narawh juri din il-ħbiberija lejn l-Appostli.

b) Kif għandi nġib ruħi biex inkun ħabib sinċier?

Semmi u fisser ħames karatteristiċi ta' ħbiberija vera.

**(20 marka)**

**3. Ġesù kien jobdi lill-ġenituri tiegħu f'kollox.**

a) Irrakkonta ġrajja li turina l-ubbidjenza ta' Ġesù lejn il-ġenituri tiegħu.

b) X'rigal hemm imwiegħed lil dawk l-ulied li jirrispettaw il-ġenituri tagħhom?

ċ) Għid kif għandek tħobb u tirrispetta l-ġenituri tiegħek.

**(20 marka)**